STORY CHANGERS

## It-titjib fil-ħiliet soċjali tal-istudenti u l-arrikkiment tal-metodi ta' tagħlim permezz tar-rakkontar tal-istejjer u tar-realtà virtwali

# Id-Dizzjunarju tal-Biża'




Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

# Werrej


Eroj ewlenin pağna 1-2
Sommarju pağna 3
It-Test tal-Istorja pağna 4



## Is-Sur Sam



## Iċ-ċkejken George



**Eroj ewlenin**

Lex
Atlas
Daily
Chef
Noty
Sophia
Is-Sur Sam
Iċ-ċkejken George

Sophia



Atlas



Noty



Lex




Daily



Chef



**Sommarju**

*Fil-ħanut antik tal-kotba "Il-Fondazzjoni" tas-Sur Sam il-kotba jieħdu l-ħajja u jippruvaw jiskopru għaliex ħafna persuni waqfu jaqrawhom. Grupp ta' kotba kuraġġużi jiddeċiedu li jmorru fid-dinja ta' barra u jsiru jafu l-verità. Wieħed minn dawk il-kotba huwa Lex, dizzjunarju tal-biża' li dejjem ikun irrabjat, ma jirrispettax lil ħaddieħor u jaħseb li hu aħjar mill-kotba l-oħra. Fl-avventura tal-grupp, Lex se jirrealizza l-importanza kbira tar-rispett u fl-aħħar jiddeċiedi li jibdel l-attitudni tiegħu lejn ħaddieħor. Fl-aħħar u minkejja l-użu żejjed tal-apparat elettroniku mill-bnedmin, il-ħanut tal-kotba tas-Sur Sam se jiġbed ħafna klijenti ġodda minħabba serje ta' avvenimenti u li l-maġija tal-qari tal-kotba mhu se tispiċċa qatt.*



Id-dawl infeta. Bħal kull filgħaxija s-Sur Sam, is-sid tal-ħanut tal-kotba antik bl-isem "Il-Fondazzjoni", iċċekkja jekk il-bibien u t-twieqi kollha magħluqkiauxsew. Imbagħad, ħa nifs 'il ġewwa u telaq diżappuntat lejn id-dar. Sa ftit snin ilu, il-ħanut tal-kotba tiegħu kien mimli ħajja. Tfal ferħanin jiġru, jilagħbu u jaqraw il-kotba. Iżda, illum il-ġurnata kważi ħadd m'għadu jmur "Il-Fondazzjoni". Il-bnedmin insew il-maġija li hemm fil-kotba. Jippreferu jqattgħu l-ħin tagħhom quddiem skrin. Anke jekk ma tantx ikollhom bżonn. Minħabba hekk, il-ħanut tal-kotba tas-Sur Sam issa huwa biss dell tal-passat glorjuż tiegħu.

Issa l-kamra kienet mimlija dlam u skiet. L-ixkafef tal-kotba mimlija trab kienu qed jerġgħu jżommu l-istess kotba antiki, il-kotba li ħadd ma ried jixtri. U għalkemm id-dawl li jmiss kellu jkun id-dawl tax-xemx ta' filgħodu, f'daqqa waħda dehret fjamma żgħira. Din il-fjamma ċkejkna kienet ġejja minn lampa żgħira taż-żejt u kienet biżżejjed biex kważi tagħti d-dawl lill-ħanut tal-kotba kollu. Imma, min seta' xegħel din il-fjamma jekk is-Sur Sam ma kienx hemm? It-tweġiba waslet ftit sekondi wara, x'ħin leħen qawwi ħafna kisser dak is-silenzju assolut:

"QUMU KOTBA! FL-AĦĦAR WASLET IL-ĠURNATA IMPORTANTI!". F'daqqa waħda, il-kotba fuq l-ixkafef mimlija trab bdew jieħdu l-ħajja! Kotba jittewbu, kotba jiġġebbdu, kotba mimlija ferħ jaqbżu minn fuq l-ixkafef, kotba kullimkien! Dan ix-xenarju maġiku baqa' għaddej għal ftit minuti oħra sakemm qamu l-kotba kollha. Imbagħad, inġabru kollha madwar skrivanija kbira, bħal-likieku kienu qed jistennew lil xi ħadd jagħmel diskors. Fost iċ-ċapċip u l-ferħ tal-kotba, enċiklopedija antika ħafna b'qoxra iebsa telgħet fuq l-iskrivanija. Imbagħad il-leħen għajjien tagħha reġa' nstema', l-istess leħen li kien qajjem il-kotba iktar kmieni:
"Għeżież kotba tiegħi, għal dawk li ma jafunix, jien Sophie. Kull sena f'din il-ġurnata, inqum mir-raqda profonda tiegħi u l-missjoni tiegħi hi li nqajjem lilkom lkoll."
"U għaliex għandna nqumu kollha hekk ħabta u sabta?" qered ktieb tal-psikoloġija bi ngħas.



Sophie tbissmitlu u wieġbet:
"Bħala kotba, aħna kollha għandna missjoni komuni. Il-missjoni li nbiddlu l-ħajja tal-bnedmin għall-aħjar. Madankollu, biex nilħqu l-għan tagħna, irid jagħżilna bniedem u jinkludina fil-ħajja tiegħu."
Imbagħad rumanz tal-misteri u rrabjat interrompa lill-enċiklopedija antika.
"Kif jistgħu jagħżluna jekk qas biss jistgħu jsibuna? Ħadd m'għadu jiġi f'dan il-post. Iktar faċli li jsibuna t-termiti milli l-bnedmin f'din il-miżbla."
F'dak il-mument it-tbissima ta' Sophie nbidlet f'ħarsa severa. L-enċiklopedija għaqlija rranġat n-nuċċali tagħha u wieġbet b'ton aktar serju:
"Dik li inti ssejjaħ miżbla ilha snin twal id-dar tagħna. Is-Sur Sam miskin tħabat ħajtu kollha biex jibni dan il-ħanut tal-kotba. Għalih, aħna kollha qisna uliedu. Għal-hekk, għandna nuru aktar rispett meta nitkellmu dwar darna!"



Ir-rumanz tal-misteri induna bl-iżball tiegħu u talab skuża.
"Irrid nagħlaq billi ngħid," qalet Sophie, "li dan il-jum hu tassew importanti għalina. Irridu nieħdu vantaġġ minn din il-ġurnata u nsibu r-raġunijiet għalfejn ħadd m'għadu jiġi fil-ħanut tal-kotba tagħna. Qed tiġri xi ħaġa stramba ferm u rridu nsiru nafu x'inhi."
Għal darb'oħra, il-kotba kollha bdew jifirħu. Fl-aħħar, kienu se jsiru jafu x'kien hemm wara dan il-misteru. Ir-raġunijiet għaliex il-bnedmin m'għadhomx japprezzaw il-kotba.
"Għal din ir-raġuni, nissuġġerixxi li niffurmaw tim ta' ftit kotba kuraġġużi, li se jivvjaġġaw lejn id-dinja ta' barra u jsiru jafu l-verità kollha. Allura, liema kotba lesti għal din l-avventura?"
Is-skiet reġa' lura fil-ħanut tal-kotba. Qabel dakinhar ebda ktieb ma kellu jitlaq mill-"Fondazzjoni". Id-dinja ta' barra tista' tkun mimlija perikli. Għalhekk, il-kotba ppreferew is-sigurtà u s-sħana tal-ħanut tal-kotba u ħadd ma wieġeb għas-suġġeriment ta' Sophie.
Imbagħad mill-folla nstema' leħen oħxon u qawwi:
"Jien mmur niskopri x'qed jiġri, tistgħu sserrħu fuqi!" qal atlas kbir tal-iskola, bil-paġni kollha mapep kbar u boxxla f'idu.
"Int min int, tassew ktieb kuraġġuż?" staqsiet Sophie bil-ferħ.
"Jisimni Atlas u kollha tistgħu timmaġinaw minn fejn ġej ismi. Il-ħolma tiegħi sa minn meta kont żgħir kienet li nintgħazel minn uman żgħir u ngħallmu dwar id-diversi bliet, pajjiżi, gżejjer, oċeani u kontinenti. Ma nistax nibqa' hawn ma nagħmel xejn. Irridu nsibu x'inbidel b'mod daqshekk drammatiku."
"Għandek raġun biex tbigħ!" qal kalendarju huwa hu jiċċekkja l-arloġġ tiegħu.
"M'hemmx aktar ħin x'naħlu. Jien se niġi miegħek Atlas."








“U int min inti kalendarju għażiż tiegħi?” wieġbet l-enċiklopedija għaqlija u sodisfatta li t-tim qed jifforma.
“Jiena Daily u l-għan tiegħi huwa li dejjem inkun utli għall-bnedmin. Jien infakkarhom dwar l-affarijiet li jridu jiftakru, l-affarijiet li jridu jagħmlu u kif jistgħu jużaw ħinhom. M'għandniex aktar ħin x'naħlu, tlaqna!”
”Tgħaġġilx” wieġeb leħen ieħor. “Tgħaġġel biss meta tinsa l-ikel fil-forn! Jien wkoll se ningħaqad magħkom għeżież ħbieb tiegħi.”
“Int min int u għaliex qed tipprova iżommna lura?” staqsa Daily huwa hu jħares lejn l-arloġġ tiegħu kemmxejn irritat.
“Jien Chef u jien ktieb tat-tisjir. L-għan tiegħi huwa li naqsam ir-riċetti tiegħi mal-bnedmin u nagħmilhom ħajjithom aħjar u b'aktar togħma. Sfortunatament, għadni qed nistenna lill-bniedem li se japprezza r-riċetti tiegħi. Għalkemm, ma naħsibx li dan se jiġri dalwaqt” qal u rranġa l-kappell tal-kok għoli tiegħu.
“Tinkwetax għażiż ktieb tiegħi, ċerta li kollox se jkun aħjar. Fl-aħħar se jirnexxielek issir taf il-verità” qalet Sophie bid-dmugħ f'għajnejha.
Imbagħad Atlas ħares lejha għal ftit u staqsa lill-enċiklopedija:
“Inti? Inti qed tgħid li m'intix ġejja magħna? Żgur li se jkollna bżonn l-għerf u l-għarfien tiegħek biex jirnexxilna!”
“Nixtieq kieku nista' niġi magħkom għażiż Atlas tiegħi” wieġbet Sophie. “Jien issa anzjana. M'għadx għandi s-saħħa jew il-ħeffa għal din il-missjoni. Żgur li nżommkom lura jekk niġi magħkom.”
“Tinkwetax, Sophie għaqlija, m'aħniex se niddiżappuntawk. Se nagħmlu dak kollu li nistgħu biex din il-missjoni tintemm b'suċċess” stqarr Daily fiduċjuż. “Atlas, Chef, lesti biex nibdew il-vjaġġ tagħna?”
F'dak il-mument, ħoss stramb ħafna beda ġej minn ġewwa nett il-ħanut tal-kotba. Dan l-istorbju kien qisu għajta u kien ġej mill-aħħar xkafef tas-sezzjoni ta' wara ta' “Il-Fondazzjoni”, fejn id-dawl mill-lampa taż-żejt ma setax jasal. Il-kotba bdew jiġru bil-paniku madwar il-ħanut tal-kotba. Wara perjodu qasir ta' konfużjoni u biża', il-leħen qawwi ta' Sophie reġa' ġab l-ordni.
“Silenzju! Tippanikjawx, jien naf ta' min din it-tgergira...”
Qabel ma Sophie rnexxielha tispiċċa s-sentenza tagħha, mid-dlam bdiet tidher figura. It-tgergir baqa' jsir iktar qawwi u iktar tal-biża'. Il-kotba kienu qed jitriegħdu bil-biża' mill-mostru li kienu se jiffaċċjaw. Kien x'kien, kien viċin.
“Imma dan huwa...” laqlaq ktieb tal-alfabett lil storja qasira wieqfa ħdejh.
“Iva, hu tassew...” wieġbet l-istorja qasira.
“Iva, jien dizzjunarju. U wieħed irrabjat ħafna wkoll!” għajjat il-ktieb misterjuż hu u ħiereġ mid-dell. Kien ktieb qasir imma b'saħħtu ħafna, b'ħafna paġni u snien li jaqtgħu. Id-dehra tiegħu kienet tassew tal-biża' u kellu ħarsa rrabjata. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-ktieb kellu fwar ħiereġ minn widnejh. Tassew kien dizzjunarju tal-biża'!


BOOK STORE
A-Z

“Min ażżarda jqajjimni mir-raqda profonda tiegħi?” staqsa d-dizzjunarju b'rabja kbira.
“Jien qajjimtek Lex” wieġbet Sophie. “Hemm periklu kbir għalina l-kotba kollha li nintesew għal dejjem mill-bnedmin. Irridu nieħdu azzjoni minnufih jekk irridu inbiddlu din is-sitwazzjoni.”
“Dażgur li hemm periklu għalik. Dan għaliex inti m'għandekx użu reali għall-bnedmin. Aħna d-dizzjunarji aħna l-unika kotba li verament aħna utli għall-bnedmin!” sostna kburi d-dizzjunarju tal-biża'.
“Kif tista' tgħid xi ħaġa bħal din? Aħna lkoll kotba u din it-theddida teżisti għalina kollha. Jekk il-bnedmin ma jibqgħux jiġu f'dan il-ħanut tal-kotba, aħna lkoll kkundannati li nibqgħu hawn għal dejjem” wieġeb Daily daqsxejn irrabjat.
“Dak li għadek kif għidt juri biss nuqqas ta' rispett” żied jgħid Atlas.
Chef ukoll ikkummenta l-kliem kattiv ta' Lex: “Tinsiex li anke inti maqbud hawn ġew Lex!”
Imbagħad Lex dar lejn it-tliet kotba li kienu lesti biex jibdew il-vjaġġ tagħhom, ħa nifs kbir u beda jgħajjat:
“Ir-raġuni għala l-bnedmin mhumiex jiġu hawn hija għax l-informazzjoni li intom għandkom x'toffru mhijiex importanti. Għall-kuntrarju, dizzjunarju jista' jgħallem kliem ġdid lill-bnedmin. Mingħajr kliem, il-bnedmin ma jistgħux jitkellmu, jiktbu, jaħsbu jew jikkomunikaw!”
Il-fwar reġa' kien ħiereġ minn widnejh. Imbagħad, ħa nifs ieħor u baqa' jgħajjar lill-kotba l-oħra:
“Min se jiġi jixtri enċiklopedija mimlija informazzjoni każwali u inutli? U min jimpurtah mir-riċetti tiegħek Sur Chef? Jekk xi bnedmin ma jafux jsajru jistgħu jmorru fi skola tat-tisjir jew xi ħaġa hekk. U tħalliniex nibda fuqek Atlas. Ma tistax taraha l-ironija li għandek din l-informazzjoni kollha dwar kull pulzier fil-pjaneta, waqt li qiegħed imwaħħal fuq xkaffa mimija trab f'dan il-ħanut tal-kotba antik? U tal-aħħar x'użu jista' jkollha l-aġenda? Jekk il-bnedmin għandhom imħuħ u arloġġi, kif aġenda tista' tkun utli għalihom?”
Fil-kamra reġa' waqa' s-skiet. Il-kotba ma setgħux jemmnu dak li kienu qed jisimgħu ħiereġ minn ħalq Lex.
“Tista' tgħajjarna kemm trid għażiż Lex” qalet Sophie. “Il-bqija tagħna nippreferu nirrispettaw id-diversità tagħna. Għandna l-istess problemi, l-istess ħolm u l-istess għanijiet. U fl-aħħar jirnexxilna lkoll flimkien. Jekk trid, tista' tgħin lil Atlas, Daily u Chef bil-missjoni tagħhom. Ċerta li l-għajnuna tiegħek tkun tassew siewja għalihom.”
“Ċert li għandhom bżonn l-għajnuna tiegħi imma jien żgur m'għandix bżonn l-għajnuna tagħhom” wieġeb Lex u beda jidħak.
F'dak il-mument, kienet tinħass it-tensjoni, iżda mbagħad ktieb tan-noti żgħir tela' fuq l-iskrivanija u ġibed l-attenzjoni tal-kotba.
“Naf li jien biss ktieb tan-noti żgħir. Ġejt imgħajjar ħafna drabi minn kotba oħra għax ma nidhirx bħalhom. Madankollu, jien ukoll irrid ngħin lill-bqija tal-kotba fil-missjoni tagħhom. Se nagħmel dak kollu li nista' biex ngħin lit-tim jilħaq l-għan tiegħu”.
Imbagħad id-dizzjunarju tal-biża' wieġeb lill-ktieb tan-noti ċkejken:

"Min qallek li aħna l-kotba se jkollna bżonn l-għajnuna mingħand xi ħadd bħalek? Qas għandek kelma waħda miktuba ġo fik, imma trid li nittrattawk bħal ktieb? Ktieb tan-noti? Aħjar tipprova Mhux-ktieb, jixraqlek iktar" qal Lex u beda jidħak.
Il-kliem kattiv ta' Lex wassal biex ħafna kotba oħra jidħku wkoll. Iżda l-ktieb tan-noti ċkejken ma tilifx il-kuraġġ u wieġeb lid-dizzjunarju tal-biża'.
"Għażiż Sur Lex, minix napprezza dak li qed tgħid dwari imma xorta nirrispettak. Wara kollox, tista' tipprova taħbi, imma jien ċert li int ukoll qed toħlom li xi darba jagħżlek bniedem u tgħinu jitgħallem kliem ġdid. Int ukoll tibża' li tista' tibqa' hawn għal dejjem u titlef il-ħolma tiegħek. Int ukoll..."
"Biżżejjed!" qal id-dizzjunarju u waqqaf il-monologu tal-ktieb tan-noti. "Jien ... jien se niġi magħkom ukoll. Mingħajri żgur li ma jirnexxilkomx. Se jkollkom bżonn ktieb utli u b'saħħtu biex iżommkom 'l bogħod mill-inkwiet. Tlaqna."
"Id-deċiżjoni tiegħek li tgħin lill-kotba l-oħra hija għaqlija ħabib tiegħi Lex" stqarret Sophie. "U inti l-għażiż ktieb tan-noti tiegħi? X'jismek?"
"Jien jisimni Noty, Sinjura Sophie. Tassew eċċitat li se nkun parti minn din il-missjoni. Fl-aħħar, se nkun ktieb tan-noti utli!"
"Merħba fit-tim Noty" qal Daily, li għal darb'oħra ħares lejn l-arloġġ tiegħu. "Jaqblilna nibdew jekk irridu nlaħħqu nagħmluha fil-ħin. Lesti?"
Sophie tat l-aħħar ħarsa lit-tim u tbissmet. "Ħudu ħsieb għeżież tiegħi. Se nkunu qed nistennewkom tiġu lura u ġġibu aħbarijiet sbieħ."

Il-kotba kollha daru lejn il-ħamest iħbieb tagħhom u bdew ixejrulhom u jsellmulhom. It-tim kien lest. Atlas, Daily, Chef, Lex u ċ-ċkejken Noty bdew mexjin, determinati li jmorru fid-dinja ta' barra u jlestu l-missjoni tagħhom.
Hekk kif il-kotba kienu mexjin, Noty staqsa lill-bqija tal-kotba:
"Alluraaa.. xi ħadd jaf minn fejn nistgħu noħorġu?"
L-erba' kotba l-oħra waqfu u bdew iħarsu lejn xulxin. Kienu jafu li s-Sur Sam kien iċċekkja l-bibien u t-twieqi kollha qabel ma telaq mill-ħanut tal-kotba.
Atlas kellu idea. "Ejja nimxu ftit aktar sakemm insibu l-aħjar mod kif noħorġu mill-ħanut tal-kotba."
Id-dizzjunarju tal-biża' ma qabilx ma' din l-idea. "Il-ħin tagħna prezzjuż u s-soluzzjoni hija sempliċi ħafna", qal Lex. "Niġri b'kemm għandi saħħa u nkisser it-tieqa żgħira ta' wara biex inkunu nistgħu noħorġu minn hawn."

Liema miż-żewġ ideat se jagħżlu l-kotba?
**A)** Se jagħżlu l-idea ta' Atlas.
**B)** Se jagħżlu l-idea ta' Lex.

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 11.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 12.**



Il-kotba ddeċidew li jibqgħu mexjin fil-ħanut tal-kotba, bit-tama li malajr isibu minn fejn joħorġu. Kienu jafu li jekk jagħmlu l-ħsara fil-ħanut tal-kotba, kienu se juru nuqqas ta' rispett lejn is-Sur Sam u d-dar tagħhom!
Ftit minuti wara, Daily kellu ħsieb. Il-bieb ta' wara tal-ħanut tal-kotba kellu perpura tal-bibien żgħira. L-ebda bniedem ma seta' jgħaddi minnha imma kienet kbira biżżejjed għall-kelb tas-Sur Sam. Din tista' tkun il-mod kif joħorġu!
Issa Daily kien ħafna aktar kunfidenti. "Imxu warajja, sibt is-soluzzjoni!" qalilhom.
Il-bqija tal-kotba marru wara Daily u mexxihom sal-perpura tal-bibien żgħira. Fl-aħħar il-ħbieb tagħna rnexxilhom joħorġu fid-dinja ta' barra!

**Mur f'paġna 13 biex issir taf x'ġara wara!**







Il-kotba kienu jafu li jagħmlu ħażin jekk jagħżlu l-idea ta' Lex. Jekk jagħmlu l-ħsara fil-ħanut tal-kotba, kienu se juru nuqqas ta' rispett lejn is-Sur Sam u d-dar tagħhom! Madankollu, l-ebda ktieb ma tħajjar jmeri lid-dizzjunarju tal-biża', peress li kollha kienu jibżgħu minnu.
Lex ra t-tieqa żgħira li kienet eżatt fuq l-ixkafef ta' wara tal-ħanut tal-kotba. Għamel ftit passi lura u ġera b'kemm kellu saħħa.
Qabeż darba fuq l-ixkaffa t'isfel, qabeż darbtejn fuq l-ogħla waħda u bit-tielet qabża niżel fuq il-ħġieġ tat-tieqa u kissirha.
Issa l-ħanut tal-kotba kien mimli biċċiet tal-ħġieġ imkisser. Ħġieġ imkisser fuq l-ixkafef, ħġieġ imkisser fl-art, ħġieġ imkisser kullimkien! Atlas, Daily, Chef u Noty ħarsu bi dwejjaq lejn dan l-avveniment sfortunat.
Issa ma kellhom l-ebda mod ieħor kif jitilgħu fuq l-ixkafef. Lex kien l-uniku ktieb li rnexxilu joħroġ barra.
"X'jimpurtani jekk l-oħrajn ma jistgħux joħorġu? " ħaseb. "Jien m'għandi bżonn l-għajnuna ta' ħadd, jirnexxili waħdi."

Sfortunatament, biex Lex ikompli bil-vjaġġ tiegħu, l-ewwel kellu jiddendel biex jinżel mis-saqaf tal-ħanut tal-kotba.
Prova jħares biex jara kemm kien għoli s-saqaf. Imbagħad, id-dizzjunarju tal-biża' kesaħ bil-biża'. Induna li kien jibża' mill-għoli u qatt ma kien se jirnexxilu jinżel minn hemm.
"Meta toqgħod taħseb, mhix idea tajba ħafna li titlaq mill-ħanut tal-kotba" ħaseb. "Hawn għandi s-sħana u s-sigurtà kollha li għandi bżonn. Lanqas niddejjaq kieku jkolli noqgħod hawn għal dejjem."
Lex daħal lura fil-ħanut tal-kotba u mar fuq l-ixkaffa tiegħu biex jerġa' jorqod. Hekk, l-avventura tal-ħbieb tagħna l-kotba spiċċat qabel ma bdiet.

## Tmiem



"Issa li rnexxielna noħorġu mill-ħanut tal-kotba, irridu niddeċiedu fejn għandna mmorru biex insiru nafu l-verità dwar il-bnedmin" issuġġerixxa Daily.
Irridu mmorru l-iskola primarja li qiegħda fil-qrib. Imxu warajja" qal Lex.
Imbagħad iċ-ċkejken Noty staqsa bit-tlaqliq: "Imma... Sur Lex, għaliex ma niddeċidux flimkien? Ikun ferm aħjar jekk nieħdu din id-deċiżjoni bħala tim u nirrispettawha."
"Jien m'jien se nuri l-ebda rispett għad-deċiżjonijiet tiegħek" kienet it-tweġiba ta' Lex. "Għandek żewġ għażliet jew tiġi miegħi jew inkella taċċetta li qatt m'inti se tilħaq il-mira tiegħek. L-għażla f'idejk!"

X'se jiddeċiedu l-bqija tal-kotba?
**A)** Jiddeċiedu li jmorru wara d-dizzjunarju tal-biża'.
**B)** Jiddeċiedu li jmorru wara d-dizzjunarju tal-biża'.

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 14.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 16.**








Il-bqija tal-kotba tbiegħdu ftit minn Lex u ddiskutew għal ftit. Imbagħad, reġgħu lura u Daily ħabbarlu d-deċiżjoni tagħhom:
"Għal darb'oħra dak li għidt wera nuqqas ta' rispett lejna. Madankollu, iddeċidejna li niġu warajk biex ningħaqdu kollha flimkien bħala tim."
Għalhekk issa l-kotba kienu sejrin lejn l-iskola fil-ħemda tal-lejl. F'daqqa waħda, instema' kelb jinbaħ u f'ħakka t'għajn kelb enormi beda jiġri lejn il-kotba. Il-kotba bdew jiġru bil-paniku u baqgħu jiġru sal-ġnien ta' dar fil-qrib biex jinħbew. Fortunatament, inħbew taħt karozza u l-kelb waqaf jiġri u telaq ftit minuti wara.
Waqt li l-kotba kienu qed jġibu n-nifs lura minn dak il-ġiri kollu, Atlas ħareġ b'mistoqsija:
"Xi ħadd ieħor ra dik il-kaxxa enormi ta' dawl u kuluri ġejja mit-tieqa tad-dar?"

Daily kien eċċitat u wieġeb għall-mistoqsija ta' Atlas:
"Jien naf x'inhi! Darba gazzetta spjegatli. Din il-kaxxa tissejjaħ televixin. Huwa apparat li l-bnedmin jużaw biex jinfurmaw rwieħhom u għad-divertiment. Maġenbu hemm console tal-logħob ukoll! It-tfal jqabbdu dawn il-consoles ma' televixin biex jilagħbu l-logħob!"
Wara li qal dan, l-eċċitament ta' Daily inbidel fi tħassib. "Taħseb li għalhekk il-bnedmin mhumiex jaqrawna aktar?"
Il-kotba baqgħu siekta għal xi ħin, sakemm Chef ippropona xi ħaġa biex inaqqas it-tensjoni, "Illejla aħjar nibqgħu taħt il-karozza. Il-kelb qatt mhu se jsibna hawn u nkunu protetti mill-kesħa sa filgħodu."
Il-bqija tal-kotba qablu li jqattgħu l-lejl hemmhekk u eventwalment raqdu wieħed wara l-ieħor.
Filgħodu, sorpriża kbira ħafna kienet qed tistenna lill-ħbieb tagħna.



“George, għaliex il-kotba tiegħek qegħdin taħt il-karozza? Ħaffef u ġibhom, qegħdin tard għall-iskola!”. Il-leħen ta' din il-mara kien biżżejjed biex jqajjem il-kotba kollha. Qabel ma ndunaw x'kien qed jiġri, dehret id u bdiet taqbad il-kotba wieħed wieħed. Fi ftit sekondi, minn taħt il-karozza l-kotba spiċċaw fil-karozza! Tifel ċkejken kien ħadhom u daħħalhom fil-basket tal-iskola tiegħu.
Ftit minuti wara, it-tifel ċkejken niżel mill-karozza, dar lura u qabel ma telaq staqsa lil ommu:
“Ma, għaliex il-basket tiegħi qed inħossu ħafna itqal illum?”
“Ma nafx George. Ħaffef, il-qanpiena tal-iskola qed iddoqq”.
Anke hekk, il-kotba rnexxielhom jaslu fid-destinazzjoni tagħhom!

**Mur f'paġna 18 biex issir taf x'ġara wara!**





Il-bqija tal-kotba tbiegħdu ftit minn Lex u ddiskutew għal ftit. Imbagħad, reġgħu lura u Daily ħabbarlu d-deċiżjoni tagħhom:
"Għal darb'oħra dak li għidt wera nuqqas ta' rispett lejna. Għalhekk, iddeċidejna li ma niġux warajk. Minn issa 'l quddiem se mmorru għalina."
Għalhekk issa l-kotba kienu sejrin lejn l-iskola fil-ħemda tal-lejl. F'daqqa waħda, instema' kelb jinbaħ u f'ħakka t'għajn kelb enormi beda jiġri lejn il-kotba. Il-kotba bdew jiġru bil-paniku u baqgħu jiġru sal-ġnien ta' dar fil-qrib biex jinħbew. Fortunatament, inħbew taħt karozza u l-kelb waqaf jiġri u telaq ftit minuti wara.
Waqt li l-kotba kienu qed jġibu n-nifs lura minn dak il-ġiri kollu, Atlas ħareġ b'mistoqsija:
"Xi ħadd ieħor ra dik il-kaxxa enormi ta' dawl u kuluri ġejja mit-tieqa tad-dar?"
Daily kien eċċitat u wieġeb għall-mistoqsija ta' Atlas:
"Jien naf x'inhi! Darba gazzetta spjegatli. Din il-kaxxa tissejjaħ televixin. Huwa apparat li l-bnedmin jużaw biex jinfurmaw rwieħhom u għad-divertiment. Maġenbu hemm console tal-logħob ukoll! It-tfal jqabbdu dawn il-consoles ma' televixin biex jilagħbu l-logħob!"
Wara li qal dan, l-eċċitament ta' Daily inbidel fi tħassib.
"Taħseb li għalhekk il-bnedmin mhumiex jaqrawna aktar?"
Il-kotba baqgħu siekta għal xi ħin, sakemm Chef ippropona xi ħaġa biex inaqqas it-tensjoni, "Illejla aħjar nibqgħu taħt il-karozza. Il-kelb qatt mhu se jsibna hawn u nkunu protetti mill-kesħa sa filgħodu."

Il-bqija tal-kotba qablu li jqattgħu l-lejl hemmhekk u eventwalment raqdu wieħed wara l-ieħor.
Filgħodu, sorpriża kbira ħafna kienet qed tistenna lill-ħbieb tagħna.
"George, għaliex il-kotba tiegħek qegħdin taħt il-karozza? Ħaffef u ġibhom, qegħdin tard għall-iskola!". Il-leħen ta' din il-mara kien biżżejjed biex jqajjem il-kotba kollha. Qabel ma ndunaw x'kien qed jiġri, dehret id u bdiet taqbad il-kotba wieħed wieħed. Fi ftit sekondi, minn taħt il-karozza l-kotba spiċċaw fil-karozza! Tifel ċkejken kien ħadhom u daħħalhom fil-basket tal-iskola tiegħu.
Ftit minuti wara, it-tifel ċkejken niżel mill-karozza, dar lura u qabel ma telaq staqsa lil ommu:
"Ma, għaliex il-basket tiegħi qed inħossu ħafna itqal illum?"
"Ma nafx George. Ħaffef, il-qanpiena tal-iskola qed iddoqq".
It-tifel huwa hu dieħel l-iskola, minn taħt il-għajn ra ktieb ieħor mitluq fuq it-taraġ. It-titlu fuq il-qoxra tal-ktieb kien "Dizzjunarju tal-Lingwa Ingliża". "Din hija ġurnata stramba ħafna. X'qed jiġri b'dawn il-kotba kollha mitlufa?" ħaseb it-tifel.
Imbagħad, George poġġa d-dizzjunarju fil-basket tal-iskola li kien diġà mgħobbi u ġera biex jasal fil-klassi tiegħu fil-ħin.
Kien Lex! Anke hekk, il-kotba rnexxielhom jaslu fid-destinazzjoni tagħhom!

**Mur f'paġna 18 biex issir taf x'ġara wara!**


A-Z

It-tifel wasal bl-għaġla fil-klassi tiegħu fejn kienet se tibda lezzjoni twila sagħtejn tal-matematika. Warajha kien imiss il-brejk! Hekk kif daqqet il-qanpiena, l-istudenti kollha ġrew fil-bitħa tal-iskola biex jilagħbu. Dak kien il-mument perfett biex il-kotba joħorġu mill-basket tal-iskola!

"Dan hu ċ-ċans tagħna; irridu ngħaġġlu biex noħorġu minn din il-klassi" issuġġerixxa Atlas.

F'dan il-waqt, il-kwistjoni importanti għall-kotba kienet li jiddeċiedu l-ordni li fiha kienu se joħorġu mill-basket. Noty kellu suġġeriment dwar dan:

"Inkun grat jekk noħorġu mill-basket skont id-daqs tagħna, nibdew mill-iżgħar ktieb. Jien żgħur se jkolli bżonn xi għajnuna biex noħroġ minn hawnhekk. B'hekk niżguraw li ħadd ma jibqa' lura".

Lex imbagħad daħak u qal:

**A)** "Mela ma tafx li dawk l-aktar b'saħħithom biss jibqgħu ħajjin? L-ewwel noħroġ jien minn hawn. Jekk ikun fadal ħin, ngħinek toħroġ ukoll."

**B)** "Peress li t-tim irid jagħmel hekk u jien l-aktar wieħed b'saħħti, nibqa' tal-aħħar fil-basket. Jien l-aqwa wieħed fostkom u għalhekk xorta jirnexxili noħroġ."

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 20.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 21.**


A-Z

Il-bqija tal-kotba lanqas biss kellhom iċ-ċans iwieġbu. Lex fetaħ il-basket tal-iskola u qabeż minnufih.
Hekk kif l-erba' kotba l-oħra kienu qed jippruvaw jagħmlu bħal Lex, bdew jisimgħu passi resqin lejn il-basket. Kellhom jaġixxu malajr! Bdew jiġru fil-klassi biex isibu fejn jistaħbew. Fl-aħħar, sabu pjanta fuq wara tal-klassi u nħbew warajha. Atlas, Daily, Chef u Lex ħarsu lejn xulxin għal xi ħin. Kien hemm wieħed nieqes.
"Fejn...fejn hu Noty?" staqsa sorpriż Chef.
Daily imbagħad wieġeb: "Jien kont l-aħħar wieħed fostna l-erbgħa. Meta ħriġt mill-basket, Noty kien għadu qed jipprova joħroġ. Naħseb li ma rnexxilux."
Imbagħad il-ħoss li kien ġej mill-passi sar saħansitra aktar qawwi. Il-passi kienu taċ-ċkejken George. Fortunatament, huwa ma rax il-kotba wara l-pjanta għax kien qed iżomm il-mowbajl. Huwa qabad il-basket tal-iskola u beda jiġri lejn il-faċilitajiet sportivi tal-iskola għal-lezzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika.
Chef imbagħad esprima l-ilment tiegħu lil Lex: "Nispera li inti kuntent issa. Ma rrispettajtx it-talba ta' Noty għall-għajnuna u poġġejt l-egoiżmu tiegħek fuq kollox. Issa kif se nsibu lil Noty?".

**Mur f'paġna 22 biex issir taf x'ġara wara!**



Il-bqija tal-kotba lanqas biss kellhom iċ-ċans iwieġbu. F'daqqa waħda, bdew jisimgħu passi resqin lejn il-basket. Kellhom jaġixxu malajr! Bdew jiġru fil-klassi biex isibu fejn jistaħbew. Fl-aħħar, sabu pjanta fuq wara tal-klassi u nħbew warajha. Atlas, Daily, Noty u Lex ħarsu lejn xulxin għal xi ħin. Kien hemm wieħed nieqes.

"Fejn...fejn huwa Chef?" staqsa sorpriż Noty.

Lex imbagħad wieġeb: "Jien kont l-aħħar wieħed fostna l-erbgħa. Meta ħriġt mill-basket, Chef kien għadu qed jipprova joħroġ. Naħseb li ma rnexxilux."

"Mhux inti kellek tkun l-aħħar wieħed li toħroġ mill-basket la int l-aktar wieħed b'saħħtek?" dar u staqsieh Daily. Lex baqa' sieket. Kien jaf li kien għamel żball.

Imbagħad il-ħoss li kien ġej mill-passi sar saħansitra aktar qawwi. Il-passi kienu taċ-ċkejken George. Fortunatament, huwa ma rax il-kotba wara l-pjanta għax kien qed iżomm il-mowbajl. Huwa qabad il-basket tal-iskola u beda jiġri lejn il-faċilitajiet sportivi tal-iskola għal-lezzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika.

"Issa x'se nagħmlu? Chef għandu bżonn l-għajnuna tagħna!" qal Atlas.

**Mur f'paġna 22 biex issir taf x'ġara wara!**



Leħen mhux familjari imbagħad ħasad lil ħbieb tagħna. "It-tifel ċkejken li ħa lil ħabib tagħkom u telaq bl-għaġla sejjer lejn il-faċilitajiet sportivi. Jekk toħorġu mill-klassi u tibqgħu sejrin dritt issibuh."
Il-kotba kienu qed jippruvaw jifhmu minn fejn kien ġej dak il-leħen. Imbagħad indunaw li l-leħen kien ġej mill-pjanta stess!

X'jagħmlu l-kotba?
**A)** Il-kotba se jsegwu l-istruzzjonijiet tal-pjanta u se juru l-gratitudni tagħhom.
**B)** Il-kotba ma jafux jekk jistgħux jafdaw il-pjanta. Jinjoraw l-istruzzjonijiet tagħha u jitilqu bl-għaġla.

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 23.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 24.**





 Ir-rispett ifisser li tapprezza r-rieda ta' xi ħadd li joffri l-għajnuna. Anke jekk m'għandekx bżonn dik it-tip ta' għajnuna, dejjem tista' tirrifjuta b'mod edukat.
Għalhekk, Atlas wieġeb: "Aħna tassew grati għall-għajnuna tiegħek għażiża ħabiba tiegħi. Jekk jirnexxielna nwettqu l-għan tagħna parti minnu jkun bis-saħħa tiegħek. Qabel ma nitilqu, tista' jekk jogħġbok twieġeb mistoqsija? It-tifel kien qed iżomm oġġett meta daħal fil-klassi. Taf x'jista' jkun?"
"Dażgur li nista' nwieġeb dik il-mistoqsija!" qalet il-pjanta. "Għeżież ħbieb tiegħi dak huwa mowbajl. Jgħin lill-bnedmin jikkomunikaw meta jkunu 'l bogħod minn xulxin. Meta jintuża tajjeb, jista' jkun apparat utli ħafna!"
"Meta jintuża tajjeb? Jiġifieri hemm anke mod ħażin kif tuża l-mowbajl?" staqsa Noty.
"Iva hemm. Sfortunatament, ħafna tfal jippreferu jużaw il-mowbajls u apparat elettroniku ieħor biex jilagħbu logħob għal ħafna sigħat, minflok jaqraw kotba jew jagħmlu sport. M'hemm xejn ħażin li tilgħab logħba, imma meta tagħmel dan għal ħafna sigħat issir attività li tagħmel ħsara lis-saħħa."
Il-kotba bdew iħarsu lejn xulxin. Bdew jirrealizzaw għaliex tant bnedmin waqfu jaqraw. Irringrazzjaw lill-pjanta u bdew mexjin lejn il-faċilitajiet sportivi.

**Mur f'paġna 25 biex issir taf x'ġara wara!**

Ir-risposta ta' Lex lill-pjanta ma kinitx ġentili ħafna.
"Għaliex għandna nafdaw pjanta? Ma naħsibx li xi ħadd bħalek jixtieq jgħinna. Madankollu, għandi mistoqsija, it-tifel kien qed iżomm oġġett meta daħal fil-klassi. Taf x'jista' jkun?"
"Minix se nwieġeb il-mistoqsija tiegħek" qalet il-pjanta rrabjata. "In-nuqqas ta' rispett u l-maledukazzjoni qatt m'għandhom jiġu ppremjati."
Il-kotba bdew iħarsu lejn xulxin. Huma kienu jafu li r-risposta ta' Lex kienet maledukata ħafna. Ir-rispett ifisser li tapprezza r-rieda ta' xi ħadd li joffri l-għajnuna. Anke jekk m'għandekx bżonn dik it-tip ta' għajnuna, dejjem tista' tirrifjuta b'mod edukat.
Wara dan, il-ħbieb tagħna l-kotba bdew mexjin biex joħorġu mill-klassi.

**Mur f'paġna 25 biex issir taf x'ġara wara!**





Eżatt qabel ma l-kotba ħarġu mill-klassi, ktieb enormi tal-istorja qabeż quddiemhom u beda jkellimhom:
"Qatt ma rajtkom f'din il-klassi qabel. Intom ġodda. Ħa nintroduċi ruħi. Jisimni Hero u jien il-mexxej tal-kotba kollha f'din l-iskola."
"Kuntenti ħafna li qed niltaqgħu miegħek Hero! Atlas wieġeb. "Nista' nara li f'din l-iskola t-tfal jaqraw kotba. Nixtieq li dan kien il-każ ukoll fid-dar tagħna, il-ħanut tal-kotba."
Imbagħad il-ktieb tal-istorja wieġeb:
"Għaliex ma tibqax hawn għal dejjem? It-tfal dejjem jaqrawkom hawn u ma tkunx sfurzati toqgħodu dduru. Aħna nkunu kuntenti ħafna jekk tkunu hawn. Iktar ma jkun hawn kotba, aħjar!" qal il-ktieb ġentili.
Din kienet offerta li ħajrithom ħafna! Li tibqa' fl-iskola kienet il-ħolma ta' kull ktieb. Dak kien post fejn il-kotba kienu użati u rispettati.

Il-kotba bdew jiddiskutu dwar x'għandhom jagħmlu. Imbagħad Lex, tal-biża' bħal dejjem, qal:
**A)** Din id-deċiżjoni hija tiegħi. Jien l-aktar wieħed b'saħħti u tridu tirrispettaw l-opinjoni tiegħi.
**B)** Agħmlu kif tridu. Personalment, jien se nagħmel dak li jien naħseb li hu l-aħjar.

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 26.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 27.**

Lex ma rrispetta l-opinjoni ta' l-ebda ktieb ieħor. Dan kien żball kbir. Ir-rispett ma ġġibux bil-biża'. Jinkiseb billi tisma' u taċċetta l-opinjoni ta' ħaddieħor, anki jekk tħoss li ma taqbilx.
Lex wieġeb lil Hero b'mod li juri nuqqas ta' rispett.
"Isma' sinjur, aħna ma rridux li nintużaw darba biss u mbagħad niġu trattati bħala żibel. It-tfal jaqrawk darba imma mbagħad iħalluk għal kotba oħra. Jien ktieb aktar utli milli qatt tista' tkun inti! Madankollu, għandi mistoqsija għalik. X'inhu dak l-oġġett fuq l-iskrivanija tal-għalliem? Qatt ma rajt xi ħaġa hekk."
F'daqqa waħda, armata ta' kotba nġabret madwar Hero. Kienu weqfin eżatt faċċata tat-tim tal-ħanut tal-kotba u jħarsu lejhom b'mod ta' theddid.
Imbagħad Hero, li rrabja ħafna wara l-kliem bla rispett ta' Lex, wieġeb:
"Minix se nwieġeb il-mistoqsija tiegħek. Peress li ma tirrispettaniex, m'għadekx milqugħ hawn. Jew titlaq minn din il-klassi minn jeddek, jew noħorġuk aħna" qal il-ktieb tal-istorja rrabjat u mdejjaq.
Il-ħbieb tagħna mbagħad bdew jiġru mingħajr ma jħarsu lura. L-armata tal-kotba dehret irrabjata wisq bi kliem Lex.
Bdew jiżżerżqu, jaqbżu, jiġru u jinħbew u fl-aħħar irnexxielhom isibu l-faċilitajiet sportivi tal-iskola. F'xi ħin, lemħu l-basket tal-iskola ta' George. Fl-aħħar sabu lil ħabib tagħhom!

**Mur f'paġna 29 biex issir taf x'ġara wara!**

Lex ma rrispetta l-opinjoni ta' l-ebda ktieb ieħor. Dan kien żball kbir. Ir-rispett ma ġġibux bil-biża'. Jinkiseb billi tisma' u taċċetta l-opinjoni ta' ħaddieħor, anki jekk tħoss li ma taqbilx.

Daily wieġeb lill-ktieb tal-istorja bl-aktar mod ġentili possibbli:

"Għażiż Hero, napprezzaw tassew is-suġġeriment tiegħek imma rridu nkomplu l-vjaġġ tagħna. Il-ħabib tagħna għandu bżonn l-għajnuna tagħna. Madankollu, tista' jekk jogħġbok twieġeb mistoqsija? X'inhu dak l-oġġett fuq l-iskrivanija tal-għalliem? Qatt ma rajt xi ħaġa hekk."

Hero kien lest iwieġeb il-mistoqsija ta' Daily b'qalbu kollha.

"Dak l-oġġett jissejjaħ kompjuter. Huwa apparat li jgħin lill-bnedmin f'ħafna modi. Jgħinhom jaqraw, jiktbu, isibu informazzjoni u jikkomunikaw. Sfortunatament, ħafna bnedmin iqattgħu aktar sigħat milli suppost jużaw dan l-apparat."



F'daqqa waħda, armata ta' kotba nġabret madwar Hero. Kienu weqfin eżatt faċċata tat-tim tal-ħanut tal-kotba, jitbissmulhom. Imbagħad Hero ikkummenta:

"Il-qalb tajba u r-rispett huma siewja ħafna llum il-ġurnata. Għandkom tkunu tafu li mil-llum 'l quddiem għandkom ħafna ħbieb ġodda f'din l-iskola. Nittamaw tassew li ssibu lil ħabib tagħkom malajr kemm jista' jkun!"

Il-ħbieb tagħna rringrazzjaw lill-kotba tal-iskola u sellmulhom. Imbagħad komplew bl-avventura tagħhom u telqu mill-klassi mingħajr ma jagħmlu storbju.

Bdew jiżżerżqu, jaqbżu, jiġru u jinħbew u fl-aħħar irnexxielhom isibu l-faċilitajiet sportivi tal-iskola. F'xi ħin, lemħu l-basket tal-iskola ta' George. Fl-aħħar sabu lil ħabib tagħhom!

**Mur f'paġna 29 biex issir taf x'ġara wara!**




SCHOOL
A-Z

Il-kotba ġrew u daħlu fil-basket ta' George. Il-lezzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika kienet spiċċat u sħabna qattgħu l-kumplament tal-ġurnata tal-iskola ġewwa l-basket tal-iskola.
Atlas kien okkupat jipprova jirranġa l-boxxla tiegħu, Daily baqa' jħares lejn l-arloġġ tiegħu jinkwieta dwar il-ħin, Chef jgerger li kien bil-ġuħ. Filwaqt li Noty kien qed jitbissem il-ħin kollu, tant kemm kien kuntent li t-tim kien irnexxielu jingħaqad għal darb'oħra. Mill-banda l-oħra, Lex kien qed jeqred u jgħajjat, jgħajjat u jeqred. Min jaf x'kien qed jgħid.
Meta l-qanpiena daqqet għall-aħħar darba, George ħareġ mill-klassi u ġera lejn il-bieb tal-iskola, fejn ommu kienet qed tistennieh. F'xi ħin waqt li kienu sejrin lejn id-dar, il-kotba semgħu lil George jgħid lil ommu:
"Ma, illum l-iskola sibt ktieb ieħor mitluq. Dizzjunarju tassew oħxon u t-tabella tal-prezz tiegħu għandha l-logo tal-ħanut tal-kotba tas-Sur Sam, "Il-Fondazzjoni".
Omm George imbagħad weġbitu: "Żgur li xi tifel ieħor waqqgħu bi żball. Issa nieħdu d-dizzjunarju lura għand is-Sur Sam. Żgur li hu jkun jaf ta' min hu."
Dakinhar waranofsinhar b'xorti kbira, il-kotba kienu se jirnexxilhom jirritornaw lura lejn darhom, il-ħanut tal-kotba!
Is-Sur Sam stagħġeb hekk kif ra d-dizzjunarju li kienu ħadulhu Ġorġ u ommu.
"Nista' naħlef li dan id-dizzjunarju kien hawn ilbieraħ. Ma nafx kif dan seta' ġara. Qatt ma begħtu lil ħadd!"
George imbagħad wieġeb: "Tinkwetax Sur Sam, illum ġraw ħafna affarijiet strambi li kellhom x'jaqsmu mal-kotba. Qisu l-kotba ħadu l-ħajja!"
Imbagħad ilkoll bdew jidħku biċ-ċajta ta' George. Min seta' jkun jaf li ma kinitx ċajta?
Li ħadd ma osserva waqt li kienu qed jiddiskutu, kien li l-kotba rnexxielhom joħorġu mill-basket ta' George u bil-mod il-mod kollha nħbew fil-ħanut tal-kotba.
Is-Sur Sam jirringrazzja lil George u lil ommu talli rritornawlu d-dizzjunarju u stidinhom jerġgħu jżuru l-ħanut tal-kotba kull meta jridu!
Il-lejl kien qed joqrob bil-mod. Għal darb'oħra, is-Sur Sam iċċekkja jekk il-bibien u t-twieqi kollha kinux magħluqa sew. Imbagħad, ħa nifs 'il ġewwa u telaq diżappuntat lejn id-dar. Illum kienet ġurnata oħra ħażina għall-ħanut tal-kotba tiegħu. Lanqas klijent wieħed ma kien żar "Il-Fondazzjoni". Waqt li kien qed jagħlaq il-bieb, ħa nifs 'il ġewwa u qal b'leħnu għajjien:
"Forsi wasal iż-żmien li nagħlaq il-ħanut tal-kotba darba għal dejjem."
Imbagħad tefa' d-dwal u telaq.
Għall-ftit minuti wara, ma kien hemm l-ebda ħoss fil-ħanut tal-kotba. Il-kotba ma setgħux jemmnu li xi ħaġa bħal dik setgħet tiġri verament. Kien hemm possibbiltà li d-dar tagħhom tagħlaq għal dejjem, wara dawn is-snin kollha.
Sophie, bħala l-aktar waħda għaqlija u kalma fost il-kotba kollha, iddeċidiet li titkellem l-ewwel waħda wara l-aħbar ħażina.
"M'hemmx għalfejn nippanikjaw għeżież tiegħi. Tinsewx li sħabna llum irritornaw mill-missjoni tagħhom. Atlas, Daily, Chef, Noty u Lex żgur li se jkollhom xi aħbar tajba għalina. It-tip ta' aħbar li se tippermettilna nżommu darna ħajja!"
F'dak il-mument, il-ħames kotba telgħu fuq l-iskrivanija u qagħdu wieħed ħdejn l-ieħor. Issa l-attenzjoni kienet kollha fuqhom.

L-ewwel kumment ġie minn Daily, li beda jitkellem bid-dmugħ f'għajnejh:
"Ħbieb, erġajna lura b'xi aħbarijiet, imma żgur li mhumiex sbieħ. Permezz tal-avventura tagħna fid-dinja ta' barra, sibna xi apparati li qed jheddu l-eżistenza tagħna stess. It-televixins, il-consoles tal-logħob, il-mowbajls u l-kompjuters huma aktar importanti għall-bnedmin milli aħna aħna."
Imbagħad kien imiss lil Atlas ikompli.
"Forsi għandhom raġun. Għaliex il-bnedmin għandhom jaqrawni, meta jistgħu jsibu l-informazzjoni kollha li għandi x'noffri billi jużaw dawk l-apparati fantasiċi?"
"L-istess jgħodd għalija" qal Chef waqt li ħa nifs 'il ġewwa. "Tista' tara r-riċetti kollha li trid live fuq it-televixin. Aħna kkundannati."
Noty kien qed jibki l-ħin kollu. "Almenu intom ilkoll għandkom lil xulxin. Jien lanqas m'jien ktieb. Jien xejn."












X'ġara wara?
**A)** Lex talab lill-kotba kollha biex ma jibqgħux igergru u jaċċettaw d-destin tagħhom.
**B)** Lex talab lill-kotba kollha biex ma jibqgħux igergru u jibqgħu jemmnu.

**Jekk weġibt A, jekk jogħġbok mur f'paġna 31.**
**Jekk weġibt B, jekk jogħġbok mur f'paġna 32.**

Waqt li l-kotba kollha bdew jippanikaw, instemgħat għajta kbira li waqfet lil kollox u lil kulħadd. F'dan il-ħanut tal-kotba qatt ma kien instema ħoss daqshekk qawwi.
"Silenzju! Issa jmiss li nitkellem jien!"
Din l-għajta tal-biża' kienet ġejja minn (iva, kif ħsibtu) Lex, u tant kienet qawwija li ġabet lura s-silenzju assolut. Imbagħad id-dizzjunarju tal-biża' kompla jgħid:
"Minflok toqogħdu tibku u tibku, irridu lkoll naċċettaw il-verità. Din id-dinja miexja 'l quddiem u aħna m'aħniex parti minnha."
Wara dan il-kliem li jweġġa' ta' Lex, xi ħaġa kienet inbidlet f'Sophia. Il-ħarsa għaqlija u kalma tagħha nbidlet f'waħda rrabjata. Imbagħad wieġbet lil Lex:
"Biżżejjed issa biżżejjed Lex. Din hija l-aħħar darba li se nħalluk titkellem bla rispett. Ir-rispett jinkiseb, mhux bil-biża', imma billi tkun ġentili u taċċetta lill-oħrajn għal dak li huma. Aħna se nibqgħu nirrispettawk, imma m'għadekx meqjus bħala ħabib tagħna. Tista' tmur lura fir-rokna mudlama tiegħek u tħalli lill-bqija tagħna nsolvu din it-theddida.

Imma ħa ngħidlek l-aħħar ħaġa. Tista' tipprova tikkonvinċi lilek innifsek li int differenti. Madankollu, fil-fond ta' qalbek, taf li jekk aħna nisparixxu, anke inti tisparixxi magħna."
Għall-ewwel darba, għajnejn Lex kienu mimlija dmugħ. Induna li esagera billi għal darb'oħra ma rrispettax lill-kotba sħabu. Hu ma kienx se jibqa' jitqies bħala ħabib tagħhom, u hu biss kellu t-tort. Beda miexi lura diżappuntat, jiddispjaċih għall-iżball tiegħu.
Id-dizzjunarju tal-biża' reġa' lura fuq l-ixkaffa tiegħu u ħadd qatt ma reġa' sema' bih.
Ftit xhur wara s-Sur Sam kellu jagħlaq il-ħanut tal-kotba tiegħu darba għal dejjem. Il-kotba baqgħu għal dejjem fuq l-ixkafef tagħhom mimlija trab u qatt ma rnexxielhom jwettqu l-ħolma tagħhom.

## Tmiem



Waqt li l-kotba kollha bdew jippanikaw, instemgħat għajta kbira li waqfet lil kollox u lil kulħadd. F'dan il-ħanut tal-kotba qatt ma kien instema ħoss daqshekk qawwi.
"Silenzju! Issa jmiss li nitkellem jien!"
Din l-għajta tal-biża' kienet ġejja minn (iva, kif ħsibtu) Lex, u tant kienet qawwija li ġabet lura s-silenzju assolut.
Imbagħad id-dizzjunarju tal-biża' kompla jgħid:
"Ieqfu ibku! Huwa fatt li l-bnedmin jippreferu jqattgħu l-ħin tagħhom jużaw dawn l-apparati minflok jaqrawna. Dan għaliex insew il-maġija li hija moħbija fil-qari!"
Il-bqija tal-kotba stagħġbu. Kienet l-ewwel darba li semgħu lil Lex jgħid xi ħaġa sabiħa!
Imbagħad Lex ħa nifs 'il ġewwa u kompla:
"Nixtieq niskuża ruħu ma' kull wieħed u waħda minnkom talli ma urejtx rispett. Kien żball kbir u nispera li xi darba taħfurli.
Ħabib tiegħi Atlas, m'għandekx għalxiex tinkwieta. Int mimli b'informazzjoni interessanti u stampi u mapep ikkuluriti! Żgur li xi ħadd se jagħżlek biex jitgħallem l-affarijiet kollha li għandek x'toffri!
Għażiż Daily, mingħajrek u mingħajr il-ħiliet tiegħek tal-ġestjoni tal-ħin qatt ma kien jirnexxilna ntemmu l-missjoni tagħna. Int għodda utli ħafna għal kull bnied-em!
U x'nista' ngħid għalik Chef? Ir-riċetti tiegħek jqabbdu l-ġuħ lil kull bniedem.
Inti ċkejken Noty, xi darba l-paġni vojta tiegħek se jimtlew b'ittri, tpinġijiet jew ħolm ta' persuna żgħira għall-futur. Din hija xi ħaġa maġika!
Li rrid nirrimarka huwa li aħna l-kotba jixirqilna r-rispett tal-bnedmin. Għalhekk qatt m'għandna nitilfu t-tama tagħna. Ġejjin ġranet aħjar!"
Il-kotba ma setgħux jemmnu dak li kienu qed jisimgħu dan il-ħin kollu. Id-dizzjunarju tal-biża' nbidel f'dizzju-narju ta' ħbiberija!
Wara l-kliem ta' motivazzjoni ta' Lex, il-kotba kollha ddeċidew flimkien li se jibqgħu jittamaw li l-affarijiet jinbidlu. Imbagħad, qablu li jerġgħu jiltaqgħu fl-istess jum sena wara u marru lura għall-irqad profond tagħhom.
Ftit jiem wara, is-Sur Sam kien bilqiegħda fil-ħanut tal-kotba tiegħu ma jafx kif se jgħaddi l-ħin, jaqra l-gazzetta ta' kuljum.
F'daqqa waħda, xarabank enormi pparkja quddiem "Il-Fondazzjoni". Hekk kif infetaħ il-bieb tax-xarabank, folla ta' tfal żgħar bdew neżlin u ġrew lejn il-ħanut tal-kotba. Is-Sur Sam kien bla kliem.
L-aħħar tifel li niżel mix-xarabank kien iċ-ċkejken George. Deher kuntent ħafna u ġera dritt lejn is-Sur Sam.

"Bonġu Sur Sam! Naħseb qed tistaqsi x'qed nagħmlu kollha hawn. Ħa nispjegalek. Meta l-ġurnata l-oħra ġejt hawn ma' ommi, bqajt mistagħġeb bil-kotba kollha eċċitanti u kkuluriti li għandek hawn ġew. Għalhekk, tkellimt mal-għalliem tiegħi u ssuġġerejt biex il-klassi kollha tiegħi tiġi żżurkom. B'dan il-mod, anke sħabi tal-klassi se jkollhom iċ-ċans jaraw il-maġija li hawn moħbija fil-ħanut tal-kotba tiegħek!"

Sħab il-klassi ta' George kienu kollha eċċitati bil-kotba kbar kollha li sabu fil-ħanut tal-kotba u bdew jixtru kull xorta minnhom! Wieħed wara l-ieħor, il-kotba bdew jitilqu mill-ixkafef tagħhom. Dakinhar anke ċ-ċkejken Noty telaq mill-ħanut tal-kotba. Għażlitu tifla żgħira, u qalet li kienet se tużah biex tikteb l-għanijiet kollha tagħha għall-futur.

Meta t-tfal kollha kienu lura fuq ix-xarabank lesti biex jitilqu, l-għalliem tagħhom qal lis-Sur Sam:
"Grazzi ħafna tal-għajnuna tiegħek u l-kotba kbar tiegħek Sur Sam! Minn issa 'l quddiem se nibqgħu niġu nżuru l-ħanut tal-kotba tiegħek mill-inqas darba fix-xahar. Il-kotba u l-għarfien b'mod ġenerali huma l-aħjar pedament għall-iżvilupp tat-tfal."
Is-Sur Sam irringrazzja lill-għalliem bid-dmugħ f'għajnejh u reġa' lura ġewwa l-ħanut tal-kotba tiegħu. Imbagħad, kompla jaqra l-gazzetta tiegħu bi tbissima kbira.
Issa kien l-aktar bniedem ferħan fuq wiċċ id-dinja!

**Tmiem**




A-Z
BOOK STORE

**Programm:** Erasmus+
**Azzjoni Ewlenija:** Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin
**Titlu tal-Proġett:** Story Changers: it-titjib fil-ħiliet soċjali tal-istudenti u l-arrikkiment tal-metodi ta' tagħlim permezz tar-rakkontar tal-istejjer u tar-realtà virtwali
**Akronimu tal-Proġett:** Story Changers
**Numru tal-Ftehim tal-Proġett:** 2020-1-CY01-KA201-066072
**Data tal-Bidu tal-Proġett:** 01/12/2020
**Data tat-Tmiem tal-Proġett:** 30/06/2023

**Koordinatur:**

MMC Mediterranean Management Centre

**Msieħba:**

Euro circle
europe direct Provence
OMEGA TECHNOLOGY
Escola Sant Josep
Llar d'Infants - Ed. Infantil - Ed. Primària
MATER BONI CONSILII SCHOOL
ΕΛΛΗΝΟΓΑΛΛΙΚΗ ΣΧΟΛΗ Jeanne d'Arc
ΔΗΜΟΤΙΚΟ ΣΧΟΛΕΙΟ ΑΠΟΣΤΟΛΟΥ ΒΑΡΝΑΒΑ
MYTHOS
Centre for the Study and Dissemination of Myths and Folktales

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.